IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru11 (ħdax) tad-disa' (9) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar l-28 ta' April, 2025, fl-4pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Michael Mifsud |
| Il- Kunsillier | Mary Doris Borg |
| | Raymond Duncan |
| | Antonia Buttigieg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**11.1. Item Nru 11.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

11.1.1 Il-Laqgħa bdiet fl-4.10pm u kulħadd kien preżenti.

Is-Sindku qal sabiex naqbzu għal item numru 11.6 fuq l-Aġenda.

Is-Sindku ta l-kelma lil Accountant is-Sur Karl Cutajar sabiex jispjega r-Rapport Finanzjarju Annwali hekk kif issa ġie ffinalizzat mil-Awditur.

Is-Sur Cutajar beda biex l-ewwel spjega x'kienu l-aġġustamenti li ppropronew l-Awdituri imbgħa kompla fuq ir-rapport finanzjarju Annwali (mehmuż). Is-Sur Cutajar faħħar il-Kunsill li irnexxielu jagħlaq is-sena 2024 b' surplus ta' €40,000 u għalhekk spiċċa b'positive Equity għal kuntrarju tas-sena ta' qabel.

Dan mhux kollox, il-Kunsill jonqsu jibqa miexi fuq din it-triq tajba sabiex jerga ikollna FSI posittiv fil-futur qarib.

Wara din l-ispjegazzjoni ittieħed il-Vot sabiex jiġi approvat dan ir-rapport u kien hemm vot unanimu bi bis-Sur Michael Mifsud li ippropona u s-Sur Neil Attard li issekonda.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR111110 – Malta
Tel: 2161132611
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

**11.2 Item Nru. 11.2 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

11.2.1 Il-Minuti ittieħdu bħala moqrija u kien hemm dawn il-korrezzjonijiet:

Minuta 10.4.8 minflok is-Sur Raymond Duncan inbidlet għal is-Sinjura Antonia Buttigieg.

Minuta 10.4.9 minflok is-Sur Duncan inbidlekt għal is-Sinjura Antonia Buttigieg.

Minuta 10.6 tiżdied li ippropona is-Sur Michael Mifsud u ssekondat is-Sa. Doris Borg.

Wara dawn il-korrezzjonijiet il-Minuti ġew approvati unanimament.

**11.3 Item Nru. 11.3 fuq l-Aġenda - Komunikazzjoni mis-Sindku**

11.3.1 Is-Sindku qal li dwar il-magna tal-BCRS qal li s'issa m'għandux aġġornamenti.

11.3.2 Is-Sindku qal li dwar iċ-ċint ta' Triq l-Awrat ukoll għad ma' għandniex aġġornament.

11.3.3 Is-Sindku tkellem dwar l-iskema ta' Attivitajiet u qal li irċevejna mid-DLG fejn ħabbrulna li l-applikazzjoni tagħna ġiet aċċettata però minflok €19,000 ser ningħataw €17,000. Dan għaliex li tnaqqsu xi spejjez li ma kienux eleġibbli pero hija xorta somma sabiħa li nistgħu intellgħu attività ta' kwalità.

11.3.4 Is-Sur Attard qal li dwar ir-railing tax-xatt għadu għaddej u miexi sew pero issa ser ikollna bżonn project supervisor li jieħu ħsieb il-*health and safety.*

11.3.5 Is-Sindku qal li għandna problema bid-dawl tal-gym għaliex m'hemmx 3 phase viċin u jrid isir arblu ġdid. Il-Kunsill ser ikollu jagħmel spejjeż ta' dan l-arblu u l-konkos bħala bażi.

11.3.6 Is-Sur Attard qal li il-proposta tal-paddle court għaddejniha l-perit sabiex jiddisinja l-pjanta.

11.3.7 Is-Sindku qal li dwar l-art ta' fejn in-nursery kellu laqgħa mal-Ministru Clifton Grima u dan wiehed li din ser tingħata lura l-Kunsill sabiex ħadd mil-privat ma' jkun jista' japprofitta minnha.

Dwar in-nursery s-Sur Attard qal ukoll li ser nitolbu li jiġi sospiż is-servizz tad-dawl u l-ilma għaliex baqa' jiżdied il-kont u qed jitolbuh lil Kunsill.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR111110 – Malta
Tel: 2161132611
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

11.3.8 Is-Sindku qal li ser isir xogħol ta' żbir tal-palm ta' Fort Park għadu ma sarx nittamaw fil-ġimgħat li ġejjin.

11.3.9 Is-Sur Attard qal l-proġett tal-Fort Park mil-Wasteserv bdew jaħdmu fuq il-bir li hemm taħt ir-roundabout sabiex ikunu jafu kemm jesa' u jekk jistgħu jieħdu minnu għal *irrigation system* li ser issir.

11.3.10 Is-Sindku qal li l-iskart jidher li qiegħed jinġabar aktar kmieni għal ħabta tal-10 li huwa ħafna aħjar minn kif kien jinġabar ftit tax-xhur ilu. Is-Sur Michael Mifsud issuġġerixxa li nqassmu leaflets b'ħafna lingwi.

11.3.11 Is-Sindku qal li ħarġa ta' Ħamis ix-Xirka ir-residenti ħadu pjaċir li organizzajniha u morna ir-rabat.

11.3.12 Is-Sindku staqsa lis-Sur Michael Mifsud dwar il-bins m'għand il-Cleansing u dan qallu li jidher li ħa jtuna biss ngħidulhom kemm għandna bżonn u fejn ser nagħmluhom.

11.3.13 Is-Sindku qal li fil-ġimgħat li ġejjin ser ikollna l-ħaddiema tar-Reġjun u li ser jaħdmu fuq ir-railing ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja. Il-Kunsill għandu bżonn ilesti il-qoxra ta' fejn ser jeħel il-ħadid. Għalhekk għanda bżonn inġibu stima għal laqgħa li jmiss.

**11.4 Item Nru 11.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

11.4.1 Is-Sur Mifsud issuġġerixxa li jsiru arbli bil-pjanti magħhom u li jissaqqu wkoll bl-irrigation kif ukoll li l-Bus Shelter li hemm viċin jinbidel għal wieħed li jkun interattiv u jaħdem bis-sistema solari.

11.4.2 Is-Sur Mifsud qal li hemm persuna li għandna problema mal-klabb tal-futbol u xtaq li jintervjeni l-Kunsill. Wara diskussjoni sar qbil li nistennew li jinbidel il-kumitat u nitkelmu magħhom sabiex nibdew pagna ġdida.

11.4.3 Is-Sur Mifsud issuġġerixxa biex nirranġaw dik il-biċċa li mhux asfaltata ta' Triq it-Tumbrell kantuniera ma' Triq Dwardu Ellul. Is-Sindku qallu li tkellem ma' Infrastruttura Malta dwarha u dawn qalulna li ser jgħinuna u għalhekk għandna nkelmu lil Perit Rodney.

11.4.4 Is-Sur Mifsud ippropona li titwaħħal camera oħra fejn tal-fjuri f' Wesgħet il-Ħelsien sabiex innaqqsu l-abbuż ta' min qiegħed jarmi bl-addoċċ u mhux skond l-iskeda. Kulħadd qabel ma' dan. Is-Sindku żied ukoll li ser titwaħħal waħda fejn id-Disma fid-daħla tax-Xgħajra għaliex qed jarmu ħafna bl-addoċċ.

11.4.5 Is-Sur Michael Mifsud ippropona li nitkellmu mal-iscouts u nibdew intellgħu avvenimenti magħhom. Imbgħad l-istess ma' tal-futbol.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR111110 – Malta
Tel: 2161132611
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

Imbgħad inkunu nistgħu nagħmlu lejla Maltija u avvenimenti oħra flimkien.

11.4.6 Is-Sa. Borg qalet li ta' Ħamis ix-Xirka kienet attività sabiħa ħafna u qed tippreżenta l-kont tat-trasport.

11.4.7 Is-Sa. Borg staqsiet meta ser isir ix-xogħol fuq il-monument. Wara diskussjoni ta' kemm ser tiċċekken eżatt is-soft area (1 metru) ser inġibu stima ta' kemm ser jiswa dan ix-xogħol.

Imbgħad nordnaw ukoll irħama li titpoġġa fuq il-monument bil-kliem "Jum il-Ħelsien 31 ta' Marzu 1979"

11.4.8 Is-Sa. Doris Borg tkelmet fuq il-Kunsill tat-Tfal u talbet kunsens sabiex nagħmlu laqgħa magħhom bħala Kunsill u anke nuruhom il-binja tal-Kunsill u indawruhom. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

11.4.9 Is-Sa. Doris tixtieq li jkun hemm installat disposible towel dispensor għal librerija, sabiex wieħed jixxotta jdejh aktar b'mod iġeniku. Kulħadd qabel li infitxu minn fejn jinxtara u nixtru.

11.4.10 Is-Sur Raymond Duncan ippropona li jsir xogħol ta' zebgħa tat-toroq fi Triq il-Fabbriki u Triq San Ġakbu. Kulħadd qabel u ser isiru fil-ġimgħat li ġejjin.

11.4.11 Is-Sur Duncan tkellem fuq il-blokok biex jitneħħew u s-Sindku qallu li kif tkellimna aktar kmieni dan ser jiddaħħal max-xogħol tal-ħajt u railing ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja.

11.4.12 Is-Sur Duncan staqsa fuq kif ser ikun id-discount tal-Gym lir-residenti tax-Xgħajra. Is-Sindku qallu li ser ikun ta' 25% u li dan jinsab fuq id-dokument tal-Concession.

Is-Sur Mifsud qal jekk nistgħux inkelmuh sabiex nagħmlu awareness ta' kemm hu importanti li wieħed jagħmel eżerċizzju fiżiku. Is-Sindku qallu li ser ikun hemm klassijiet apposta b'xejn għar-residenti.

11.4.13 Is-Sur Duncan qal li hu sema' li kunsill partikulari inħafirlu d-dejn però ħadd ma' seta jtiegħ konferma. Għalhekk ser nistennew ir-rapport tal-NAO tas-sena 2025 u nkunu nistgħu nivverifikaw dan.
11.4.14 Is-Sa. Antonia Buttigieg staqsiet jekk nistgħux incaqilqu xi bankijiet tax-xatt biex isiru kif kienu qabel. Is-Sindku qal li ser jiċċekkja u filkas inċaqalquhom.

11.4.15 Is-Sa. Buttigieg qalet li l-flushing ta' Triq San Gakbu sar pero mhux kollu jonqos parti oħra minn Triq il-Knisja sa Triq l-Ispnott.

11.4.16 Is-Sa Buttigieg staqsiet jekk tistax issir sleeping police fi Triq Alof De Wignacourt kantuniera ma' Triq Fortizza tal-Grazzja. Is-Sindku qallha li diga hemm waħda Triq il-Fortizza tal-Grazzja però nitolbuha lil TM u naraw.

11.4.17 Is-Sa Buttigieg staqsiet kemm jeżistu ċwievet tal-garage ta' fejn il-librerija. Is-Sindku qallha li ċavetta għandu waħda hu u waħda s-social workers.

**11.5 Item Nru. 11.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

11.5.1 Ma kienx hemm rapporti oħra

**11.6 Item Nru. 11.6 fuq l-Aġenda - Rapport Finanzjarju-2024**

11.6.1 Dan ir-rapport ġie diskuss fil-bidu tal-laqgħa.

**11.7 Item Nru. 11.7 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

11.7.1 Ma kienx hemm xogħol ieħor.

**11.8 Item Nru. 11.8 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

11.8.1 Pagamenti b'numru 10 ġew approvati unanimament.

**11.9 Item Nru. 11.9 fuq l-Aġenda - Mozzjonijiet**

11.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**11.10 Item Nru. 11.10 fuq l-Aġenda – Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

11.10.1 Il-laqgħa intemmet fil-6.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 26 ta' Mejju fl-4pm

| | |
|---|---|
| Ranier Busuttil | Neil Attard |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |